**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.11243 — KKR / TELEFONICA / PANGEACO)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2023/C 344/19)

1. Fil-21 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KKR & Co. Inc. ("KKR", Delaware, l-Istati Uniti),

— Telefónica, S.A. ("Telefónica", Spanja),

— PangeaCo S.A.C. ("Target", il-Perù).

KKR u Telefónica se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' PangeaCo S.A.C.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— KKR hija ditta ta' investiment globali li toffri ġestjoni tal-assi alternattiva kif ukoll soluzzjonijiet tas-swieq tal-kapital u tal-assigurazzjoni,

— Telefónica hija kumpannija globali tat-telekomunikazzjonijiet, li topera networks ta' komunikazzjoni fissi u mobbli. Hija toffri servizzi tal-mowbajl, telefonija fissa, internet u televiżjoni b'għadd ta' ditti, fosthom Movistar, O2 u Vivo. Telefónica hija kkwotata fil-Borża ta' Madrid, f'dik ta' New York, u fil-Borża ta' Lima,

— Target hija kumpanija inkorporata fil-Perù biex topera u timplimenta infrastruttura ta' network tal-fibra għall-forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet bl-ingrossa fil-Perù.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11243 — KKR / TELEFONICA / PANGEACO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: mailto:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË